

- 3) Il-Kummissjoni Ewropea, Low & Bonar plc u Bonar Technical Fabrics NV għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Novembru 2011 —
Stempher u Koninklijke Verpakkingsindustrie Stempher vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-68/06)

“Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-boroż industrijali tal-plastik — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Multi — Preskrizzjoni — Prova tal-ksur”

1. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata ksur — Prova tal-ksur u tat-tul tiegħu li għandha tiġi prodotta mill-Kummissjoni — Portata tal-oneru probatorju (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 25, 26)*
2. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Preskrizzjoni fil-qasam tal-azzjonijiet — Konsegwenzi (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 25) (ara l-punt 42)*

Suġġett

Talba għall-annullament parzjali u talba ta' tibdil tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2005, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/F/38.354 — Boroż industrijali).

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2005, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/F/38.354 — Boroż industrijali), hija annullata sa fejn tirrigwarda lil Stempher BV u Koninklijke Verpakkingsindustrie Stempher CV.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Novembru 2011 — Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-72/06)

“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-boroż industrijali tal-plastik — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur — Multi — Limitu massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ — Proporzjonalità”

1. *Rikors għal annullament — Sentenza ta' annullament — Effetti — Annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni — Effetti fuq id-destinatarji li ma jkunux ippreżentaw rikors — Assenza (Artikoli 81 KE, 230 KE u 249 KE) (ara l-punt 20)*